MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 788/2005

**Awtorita` Marittima ta` Malta**

**vs**

**Michelle Grech u b`digriet tal-Qorti tat-8 ta` Gunju, 2006 gew nominate Dr. Vincent Galea u PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Michelle Grech u b`digriet tal-Qorti tas-27 ta` Lulju, 2006, gie kkonfermat Joseph Grech biex jirrapprezenta lil bintu Michelle Grech**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenut noe tas-17 ta` Ottubru, 2006.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` attrici tat-8 ta` Novembru, 2006.

Ikkunsidrat illi l-ittra *de quo* ntbaghtet *“bla pregudizzju”* waqt it-trattattivi li saru bejn il-partijiet qabel inbdiet il-kawza.

Hadd ma ghandu ebda dubju li l-Qorti ser isserrah id-decizjoni taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha, dan il-partijiet u d-difensuri jafuh ben tajjeb.

Madanakollu il-Qorti, sabiex isserrah mohh kulhadd, partikolarment tal-partijiet fil-kawza thoss li tali ittra m`ghandhiex tibqa` tifforma parti mill-process. Il-Qorti hi la din il-fehma wkoll ghaliex jidhrilha li tentattivi ghas-soluzzjoni ta` vertenzi fi stadju ta` qabel ma tinbeda kawza fil-Qorti ghandhom jigu b`kull mod inkorraggiti. Wiehed ghandu jkun seren waqt dawn id-diskussjonijiet li, jekk ftehim dwar vertenza ma jsehhx, xejn minn dak li jkun intqal ma jista` jintuza, possibilment kontrih.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa` t-talba u tordna li d-dokument MB2 kontenut a fol. 44/5 tal-process jigi sfilzat u jitnehha l-paragrafu 13 tal-affidavit ta` Marc Bonello (Dok. MMA3) a fol. 40 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------